

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 88/2012**tal-1 ta' Frar 2012****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq, ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi jew entitajiet pubbliċi assoċjati mar-reġim tal-ex President Saddam Hussein koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(2) Fit-2 ta' Ġunju 2011, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi żewġ persuni fiżiċi mil-lista ta' persuni jew entitajiet li għalihom japplikaw l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, b'referenza għall-paragrafu 23(b) tar-Riżoluzzjoni 1483(2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Barra minn hekk, fis-6 ta' Diċembru 2011, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iddeċieda li jneħħi persuna fiżika waħda mil-lista.

(3) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka l-awtoritajiet kompetenti li għalihom hemm attribwiti funzjonijiet speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Din il-lista għandha tiġi aġġornata fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet mill-Greċja u l-Ungerija.

(4) L-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru. 1210/2003 qed jiġi b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 qed jiġi b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz tal-Politika Estera Strumenti*

⁽¹⁾ ĠU L 169, 8.7.2003; p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 131/2011 (ĠU L 41, 15.2.2011, p. 1).

ANNEX I

Il-persuni fiżiċi, korpi jew entitajiet li ġejjin għandhom jitneħħew mill-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003:

- (1) Nabil Victor Karam. Data tat-twelid: 1954. Indirizzi: (a) C/o Trading and Transport Services, Al-Razi Medical Complex, Jabal Al-Hussein, Amman, Jordan, (b) C/o Alfa Company Limited for International Trading and Marketing, P.O. Box 910606, Amman 11191, Jordan. Nazzjonalità: Libaniża.
- (2) Hikmat Jarjes Bahnam (magħruf ukoll bħala Hikmat Gargees). Indirizz: Bagdad, Iraq. Nru tal-Passport 035667 (Iraqi).
- (3) Tarik Nasser S. Al Obaidi (magħruf ukoll bħala (a) Tarik al'Ubaydi, (b) Tariq al'Ubaydi). Data tat-twelid: 1945. Post tat-twelid: Bagdad, Iraq. Indirizz: Bagdad, Iraq. Nru tal-Passport 212331 (Iraqi).

ANNEX II

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-indirizz tal-websajt għal informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti taħt l-intestatura 'IL-GREĊJA' għandu jinbidel b'dan:
'<http://www1.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html>'
 - (2) L-indirizz tal-websajt għal informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti taħt l-intestatura 'L-UNGHERIJA' għandu jinbidel b'dan:
'<http://www.kormany.hu/download/5/35/50000/ENSZBT-ET-szankcios-tajekoztato.pdf>'
-